VERŻJONI ELETTRONIKA

A.L. 156 tal-2010

ATT DWAR IS-SIGUREZZA TAL-PRODOTTI (KAP. 427)

ORDINANZA DWAR L-ESPLOŻIVI (KAP. 33)

Regolamenti tal-2010 dwar it-Tqegħid fis-Suq ta' Oġġetti Pirotekniċi

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 38 u 39 tal-Att dwar is-Sigurezza tal-Prodotti, il-Ministru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment, b'konsultazzjoni mal-Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u għan.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2010 dwar it-Tqegħid fis-Suq ta' Oġġetti Pirotekniċi.

(2) L-għan ta' dawn ir-regolamenti hu li jittrasponu d-Direttiva 2007/23/KE* tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Mejju 2007 dwar it-tqegħid fis-suq ta' oġġetti pirotekniċi.

(3) Dawn ir-regolamenti jistabbilixxu l-ħtiġiet essenzjali ta' sigurezza li l-oġġetti pirotekniċi għandhom jissodisfaw sabiex jitqiegħdu fis-suq, u għandhom japplikaw biss għal oġġetti pirotekniċi li jitqiegħdu, jew li jkunu maħsuba biex jitqiegħdu fuq is-suq.

Dħul fis-seħħ.

2. (1) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ fl-4 ta' Lulju 2010 għall-logħob tan-nar tal-kategoriji 1, 2 u 3 u fl-4 ta' Lulju 2013 għall-oġġetti pirotekniċi oħra, għall-logħob tan-nar tal-kategorija 4 u għall-oġġetti pirotekniċi teatrali.

(2) L-awtorizzazzjonijiet nazzjonali Maltin mogħtija qabel id-data rilevanti indikata fis-subregolament (1) għandhom jibqgħu validi f'Malta sad-data tal-iskadenza tagħhom jew sa għaxar snin mid-dħul fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti, skont liema minn dawn il-perjodi jkun l-iqsar.

(3) B'deroga mis-subregolament (2), l-awtorizzazzjonijiet nazzjonali għall-oġġetti pirotekniċi għall-vetturi mogħtija qabel id-data

* ĠU Nru. L.154, 14-6-2007, p.1. Direttiva li tistabbilixxi regoli bil-ħsieb li jinkiseb il-moviment liberu tal-oġġetti pirotekniċi fis-suq intern, filwaqt li tiżgura livell għoli ta' protezzjoni għas-saħħa tal-bniedem u ta' sigurtà pubblika u l-protezzjoni u s-sigurezza tal-konsumaturi, u tqis l-aspetti rilevanti relatati mal-protezzjoni tal-ambjent.

rilevanti indikata fis-subregolament (1) għandhom jibqgħu validi sal-iskadenza tagħhom.

Applikabbiltà.

3. Dawn ir-regolamenti ma japplikawx għal:

(a) oġġetti pirotekniċi maħsuba għall-użu mhux kummerċjali mill-Forzi Armati ta' Malta, mill-Pulizija ta' Malta jew mid-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili;

(b) esplożivi li jaqgħu fi ħdan l-għanijiet tar-Regolamenti dwar Esplożivi Ċivili, li jittrasponu d-Direttiva 93/15/KEE*;

L.S. 33.04.

(ċ) tagħmir li jaqa' fi ħdan l-għanijiet tar-Regolamenti dwar Valutazzjoni ta' Konformità ta' Tagħmir Marittimu, li jittrasponu d-Direttiva 96/98/KE**;

L.S. 427.60.

(d) oġġetti pirotekniċi maħsuba għall-użu fl-industrija tal-ajruspazju;

(e) kapsi (*percussion caps*) maħsuba speċifikament għal ġugarelli li jaqgħu fi ħdan l-għanijiet tar-Regolamenti dwar Sigurezza tal-Ġugarelli li jittrasponu d-Direttiva 88/378/KEE***; u

L.S. 427.40.

(f) munizzjon, jiġifieri projettili u karigi propulsivi u munizzjon in bjank użat f'armi tan-nar li jistgħu jinġarru minn persuna, armi tan-nar oħra u artillerija, kif imfissra fl-Att dwar l-Armi u r-regolamenti tiegħu.

Kap. 480.

Tifsir.

4. F'dawn ir-regolamenti, sakemm il-kuntest ma jeħtieġx xort'oħra:-

"Direttorat għall-Affarijiet Regolatorji" tfisser id-Direttorat għall-Affarijiet Regolatorji tal-Awtorità Maltija dwar l-Istandards kif deskritt fl-Ordni dwar it-Twaqqif ta' Direttorati fl-Awtorità Maltija dwar l-Istandards;

L.S. 419.03.

"Direttorat għas-Sorveljanza fuq is-Suq" tfisser id-Direttorat għas-Sorveljanza fuq is-Suq tal-Awtorità Maltija dwar l-Istandards kif deskritta fl-Ordni dwar it-Twaqqif ta' Direttorati fl-Awtorità Maltija dwar l-Istandards;

L.S. 419.03

---

* ĠU Nru. L.121, 15-05-1993, p.20-36. Id-Direttiva tal-Kunsill 93/15/KEE ta' l-5 ta' April 1993 dwar l-armonizzazzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar id-dħul fis-suq u s-superviżjoni ta' splussivi għall-użu ċivili.

** ĠU Nru. L.46, 17-02-1997, p.25-56. Id-Direttiva tal-Kunsill 96/98/KE ta' l-20 ta' Diċembru 1996 dwar it-tagħmir marittimu.

*** ĠU Nru. L.187, 16-07-1988, p.1. Direttiva Tal-Kunsill tat-3 ta' Mejju, 1988 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri rigward is-sigurtà tal-ġugarelli.

"Distributur" tfisser kull persuna fiżika jew ġuridika fil-katina tal-provvista li tagħmel oġġett pirotekniku disponibbli fis-suq fil-kors tan-negozju tagħha, sew jekk dak l-oġġett ikun inkiseb minn fabbrikant jew importatur lokali jew barrani, jew miġjub f'Malta b'kwalunkwe mezz ikun xi jkun;

"Fabbrikant" tfisser persuna fiżika jew ġuridika li tfassal jew tiffabbrika oġġett pirotekniku, jew li tqabbad lil min ifassal u jiffabbrika tali oġġett, bil-ħsieb li tqiegħdu fis-suq taħt isimha jew bit-*trademark* tagħha;

"Importatur" tfisser kull persuna fiżika jew ġuridika stabbilita fil-Komunità li tagħmel oġġett pirotekniku li joriġina minn pajjiż terz disponibbli fis-suq Komunitarju għall-ewwel darba fil-kors tan-negozju tagħha;

"Komunità" tfisser il-Komunità Ewropea;

"Korp Notifikat" tfisser korp notifikat lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri tal-Komunità, valutat skont il-kriterji mniżżla fit-Tielet Skeda u maħtur biex iwettaq il-proċeduri rilevanti msemmija f'dawn ir-regolamenti. L-ismijiet ta' dawk il-korpi ikunu ppubblikati fl-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea;

"Logħob tan-nar" tfisser oġġett pirotekniku maħsub għall-finijiet ta' divertiment;

"Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għall-Pulizija;

"Ordinanza" tfisser L-Ordinanza dwar l-Esplożivi; Kap. 33.

"Oġġett pirotekniku" tfisser kull oġġett li fih sustanzi esplożivi jew taħlita esplożiva ta' sustanzi mfassla sabiex jipproduċu sħana, dawl, ħoss, gass jew duħħan jew taħlita ta' dawn l-effetti permezz ta' reazzjonijiet kimiċi esotermiċi sostnuti minnhom infushom;

"Oġġetti pirotekniċi għall-vetturi" tfisser komponenti ta' apparat ta' sigurezza fil-vetturi, li jkollhom sustanzi pirotekniċi użati sabiex jattivaw dan l-apparat jew apparat ieħor;

"Oġġetti pirotekniċi teatrali" tfisser oġġetti pirotekniċi mfassla għall-użu fuq palk, ġewwa jew barra, inkluż produzzjonijiet ċinematografiċi u televiżiv jew għal xi użu simili;

"Persuna b'konoxxenza speċjalizzata" tfisser persuna li għandha liċenza valida A, B, jew Ċ mogħtija skont l-Ordinanza u r-regolamenti tagħha, jew persuna li tkun xort'oħra meqjusa mill-Kummissarju tal-Pulizija li għandha konoxxenza speċjalizzata;

"Standard armonizzat" tfisser standard Ewropew adottat minn korp Ewropew dwar l-istandards taħt mandat mill-Kummissjoni f'konformità mal-proċeduri stabbiliti fir-Regolamenti dwar Proċedura għall-Għoti ta' Informazzjoni, u li il-konformità magħhom ma tkunx obbligatorja; u

L.S. 419.06.

"Tqegħid fis-suq" tfisser l-ewwel tqegħid għad-disponibbiltà fis-suq Komunitarju ta' prodott individwali, sabiex jitqassam u/jew jintuża, kemm jekk bi ħlas kif ukoll jekk bla ħlas. Il-logħob tan-nar m'għandux jitqies bħala mqiegħed fis-suq jekk ikun ifabbrikat u maħruq f'Malta mid-detentur ta', jew persuna li żżomm liċenza A rreġistrata ma', l-istess fabbrika tal-logħob tan-nar, skont id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza u r-regolamenti tagħha.

Kategorizzazzjoni ta' oġġetti pirotekniċi.

5. (1) L-oġġetti pirotekniċi li jkunu ser jitqiegħdu fuq is-suq għandhom jiġu kategorizzati mill-fabbrikant skont id-disposizzjonijiet tas-subregolament (2). Il-kategorizzazzjoni għandha tiġi bbażata fuq it-tip ta' użu, għan jew livell ta' periklu tagħhom, inkluż il-livell ta' ħoss tagħhom:

Iżda, il-korpi notifikati msemmija fir-regolamenti 9(1) u (2) għandhom jikkonfermaw il-kategorizzazzjoni bħala parti mill-proċeduri dwar valutazzjoni ta' konformità skont ir-regolament 7(1).

(2) Il-kategorizzazzjoni għandha tkun kif ġej:

(a) logħob tan-nar:

(i) kategorija 1: logħob tan-nar li jippreżenta periklu żgħir ħafna u livell ta' ħoss negliġibbli u li jkun maħsub sabiex jintuża f'żoni ristretti, inkluż logħob tan-nar maħsub għall-użu ġewwa bini domestiku;

(ii) kategorija 2: logħob tan-nar li jippreżenta periklu żgħir u livell ta' ħoss baxx u li jkun maħsub sabiex jintuża barra, f'żoni ristretti;

(iii) kategorija 3: logħob tan-nar li jippreżenta periklu medju, u li jkun maħsub sabiex jintuża barra, f'żoni kbar fil-miftuħ, u li l-livell ta' ħoss tiegħu ma jkunx ta' ħsara għas-saħħa tal-bniedem; u

(iv) kategorija 4: logħob tan-nar li jippreżenta periklu kbir u li jkun maħsub sabiex jintuża biss minn persuni b'konoxxenza speċjalizzata (magħruf komunement bħala "logħob tan-nar għal użu professjonali") u li l-livell ta' ħoss tiegħu ma jkunx ta' ħsara għas-saħħa tal-bniedem.

VERŻJONI ELETTRONIKA

(b) oġġetti pirotekniċi teatrali:

(i) kategorija T1: oġġetti pirotekniċi għall-użu fuq il-palk li jippreżentaw periklu żgħir; u

(ii) kategorija T2: oġġetti pirotekniċi għall-użu fuq il-palk li jkunu maħsuba għall-użu biss ta' persuni b'konoxxenza speċjalizzata;

(ċ) oġġetti pirotekniċi oħra:

(i) kategorija P1: oġġetti pirotekniċi diversi minn logħob tan-nar u oġġetti pirotekniċi teatrali li jippreżentaw periklu żgħir; u

(ii) kategorija P2: oġġetti pirotekniċi diversi minn logħob tan-nar u oġġetti pirotekniċi teatrali li jkunu maħsuba biss għall-immaniġġar jew użu minn persuni b'konoxxenza speċjalizzata.

(3) Il-Kummissarju tal-Pulizija għandu jinforma lid-Direttorat għall-Affarijiet Regolatorji dwar il-proċeduri li bihom persuni b'konoxxenza speċjalizzata jkunu identifikati u awtorizzati. Id-Direttorat għall-Affarijiet Regolatorji għandu mbad jinforma lill-Kummissjoni Ewropea dwar dawn il-proċeduri.

Bejgħ u disponibbiltà ta' oġġetti pirotekniċi.

6. (1) L-oġġetti pirotekniċi ma għandhomx jinbiegħu jew diversament jitqiegħdu għad-disposizzjoni tal-konsumaturi taħt il-limiti ta' età li ġejjin:

(a) logħob tan-nar:

(i) kategorija 1: 12-il sena; u

(ii) kategoriji 2, 3 u 4: 18-il sena.

(b) oġġetti pirotekniċi oħra u oġġetti pirotekniċi teatrali:

(i) kategoriji P1, P2, T1 u T2: 18-il sena.

(2) Il-fabbrikanti, l-importaturi u d-distributuri m'għandhomx jbiegħu jew diversament jagħmlu disponibbli l-oġġetti pirotekniċi li ġejjin, ħlief lil persuni b'konoxxenza speċjalizzata:

(a) logħob tan-nar tal-kategoriji 2, 3 u 4; u

(b) oġġetti pirotekniċi tal-kategoriji P1 u P2 u oġġetti pirotekniċi teatrali tal-kategoriji T1 u T2.

VERŻJONI ELETTRONIKA

Tqegħid fis-suq.

7. (1) L-oġġetti pirotekniċi jistgħu jitqiegħdu fis-suq biss jekk jissodisfaw il-ħtiġiet imposti minn dawn ir-regolamenti, ikollhom il-marka CE, u jikkonformaw mal-obbligi relatati mal-valutazzjoni tal-konformità.

(2) It-tqegħid fis-suq ta' oġġetti pirotekniċi li jissodisfa l-ħtiġiet imposti minn dawn ir-regolamenti m'għandux ikun projbit, ristrett jew mfixkel.

(3) F'fieri kummerċjali, esibizzjonijiet u wirjiet għall-kummerċjalizzazzjoni ta' oġġetti pirotekniċi, m'għandux jiġi impedit l-wiri u l-użu tal-oġġetti pirotekniċi li ma jkunux konformi mad-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti, sakemm ikun hemm sinjal viżibbli li jindika, b'mod ċar, l-isem u d-data tal-fiera kummerċjali, tal-esibizzjoni jew wirja konċernata u li l-oġġetti la jkunu konformi u lanqas ikunu disponibbli għall-bejgħ sakemm ma jinġibux konformi mill-fabbrikant, fejn tali fabbrikant ikun stabbilit fil-Komunità, jew mill-importatur. Waqt attivitajiet bħal dawn għandhom jittieħdu l-miżuri adegwati ta' sigurezza skont il-ħtiġiet stabbiliti mill-Kummissarju tal-Pulizija.

(4) M'għandux jiġi impediti l-moviment liberu u l-użu ta' oġġetti pirotekniċi fabbrikati għall-finijiet ta' riċerka, żvilupp u ttestjar u li ma jkunux konformi mad-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti, sakemm ikun hemm sinjal viżibbli li jindika, b'mod ċar, li dawn la jkunu konformi u lanqas ikunu disponibbli għal finijiet oħra ħlief dawk ta' riċerka, żvilupp u ttestjar.

Obbligi tal-fabbrikant, importatur u distributur.

8. (1) Il-fabbrikanti għandhom jiżguraw li l-oġġetti pirotekniċi mqiegħda fis-suq jikkonformaw mal-ħtiġiet essenzjali ta' sigurezza stabbiliti fl-Ewwel Skeda. Il-fabbrikanti ta' oġġetti pirotekniċi maħsuba għat-tqegħid fuq is-suq għandhom:

(a) jippreżentaw l-oġġett pirotekniku lil korp notifikat, kif imsemmi fir-regolamenti 11(1) sa (4) li għandu jwettaq valutazzjoni tal-konformità skont ir-regolament 9(1); u

(b) iwaħħlu l-marka CE ma', u jittikkettaw, l-oġġett pirotekniku skont ir-regolamenti 9(2) sa (4), u r-regolamenti 12 jew 13.

(2) Jekk il-fabbrikant ma jkunx stabbilit fil-Komunità, l-importatur tal-oġġetti pirotekniċi għandu jiżgura li l-fabbrikant issodisfa l-obbligi kollha tiegħu taħt dawn ir-regolamenti jew għandu jassumi r-responsabbiltà ta' dawn l-obbligi huwa stess. L-importatur jista' jinżamm responsabbli mill-awtoritajiet u mill-korpi fil-Komunità fir-rigward ta' dawk l-obbligi.

VERŻJONI ELETTRONIKA

(3) Id-distributuri għandhom jaġixxu bl-attenzjoni dovuta skont il-liġi Komunitarja applikabbli. B'mod partikolari għandhom jivverifikaw li l-oġġett pirotekniku jkollu l-marka jew marki meħtieġa ta' konformità u li jkun akkumpanjat mid-dokumenti meħtieġa.

Proċeduri dwar valutazzjoni ta' konformità u l-obbligu li titwaħħal marka CE.

9. (1) Għall-proċeduri dwar valutazzjoni ta' konformità, il-fabbrikant għandu jsegwi waħda minn dawn il-proċeduri li ġejjin:

(a) il-proċedura tal-eżami tat-tip tal-KE (Modulu B) imsemmija fit-Tieni Skeda, u, skont kif jagħżel il-fabbrikant, jew:

(i) il-proċedura tal-konformità mat-tip (Modulu Ċ) imsemmija fit-Tieni Skeda; jew

(ii) il-proċedura tal-assigurazzjoni tal-kwalità fil-produzzjoni (Modulu D) imsemmija fit-Tieni Skeda; jew

(iii) il-proċedura tal-assigurazzjoni tal-kwalità tal-prodott (Modulu E) imsemmija fit-Tieni Skeda;

(b) il-proċedura tal-verifika tal-unità (Modulu G) msemmija fit-Tieni Skeda; jew

(ċ) il-proċedura għall-assigurazzjoni sħiħa tal-kwalità tal-prodott (Modulu Ħ) imsemmija fit-Tieni Skeda, sa fejn tikkonċerna logħob tan-nar tal-kategorija 4.

(2) Wara li tkun tlestiet b'suċċess l-valutazzjoni tal-konformità skont is-subregolament (1), il-fabbrikanti għandhom iwaħħlu l-marka CE b'mod viżibbli, leġibbli u indelibbli fuq l-oġġetti pirotekniċi stess jew, jekk dan ma jkunx possibbli, fuq pjanċa ta' identifikazzjoni mwaħħla magħhom jew fuq il-pakkett. Il-pjanċa ta' identifikazzjoni għandha tkun imfassla b'tali mod li l-użu mill-ġdid tagħha jkun impossibbli. Il-mudell li għandu jintuża għall-marka CE għandu jkun skont id-Deċiżjoni 93/465/KEE*.

(3) L-ebda marka jew iskrizzjoni li tista' tikkonfondi lil terzi persuni dwar it-tifsira u l-forma tal-marka CE m'għandha tiġi mwaħħla fuq oġġetti pirotekniċi. Kull marka oħra tista' titwaħħal fuq oġġetti pirotekniċi sakemm din ma tnaqqasx il-viżibbiltà u l-leġibbiltà tal-marka CE.

---

* ĠU Nru. L 220, 30-08-1993, p. 23–39. Deċiżjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Lulju 1993 dwar il-moduli għall-fażijiet diversi tal-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità u r-regoli għat-twaħħil u għall-użu tal-marka ta' konformità CE li huma maħsubin sabiex jintużaw fid-direttivi ta' armonizzazzjoni teknika.

VERŻJONI ELETTRONIKA

(4) Fejn oġġetti pirotekniċi jkunu suġġetti għal leġislazzjoni Komunitarja oħra jew leġislazzjoni Maltija li tkopri aspetti oħra, u tippreskrivi t-twaħħil, tal-marka CE, din il-marka għandha tindika li dawk l-oġġetti jkunu wkoll preżunti bħala konformi mad-disposizzjonijiet tal-leġislazzjoni l-oħra li tapplika għalihom.

Standards armonizzati.

10. (1) L-istandards armonizzati pubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea għandhom ikunu rikonoxxuti u adottati mid-Direttorat għall-Affarijiet Regolatorji u ppubblikati fil-Gazzetta. Konformità mal-ħtiġiet essenzjali ta' sigurezza stipulati fl-Ewwel Skeda għandu jkun preżunt għal oġġetti pirotekniċi li jaqgħu fi ħdan dawn ir-regolamenti li jikkonformaw mal-istandards nazzjonali rilevanti li jittrasponu l-istandards armonizzati ppubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

(2) Meta jkun meqjus illi l-istandards armonizzati msemmija fis-subregolament (1) ma jissodisfawx kompletament il-ħtiġiet essenzjali ta' sigurezza stipulati fl-Ewwel Skeda, id-Direttorat għall-Affarijiet Regolatorji għandu jirreferi l-kwistjoni lill-Kumitat Permanenti stabbilit bid-Direttiva 98/34/KE, filwaqt li jagħti r-raġunijiet għal dan.

Korpi notifikati.

11. (1) Id-Direttorat għall-Affarijiet Regolatorji għandu japplika l-kriterji minimi stabbiliti fit-Tielet Skeda għall-valutazzjoni tal-korpi li dwarhom għandha tiġi nnotifikata l-Kummissjoni. Dawk il-korpi li jissodisfaw il-kriterji ta' valutazzjoni stabbiliti mill-istandards armonizzati rilevanti għall-korpi notifikati għandhom jitqiesu li jissodisfaw il-kriterji minimi rilevanti.

(2) Id-Direttorat għall-Affarijiet Regolatorji għandu jirtira n-notifika jekk jiskopri li dak il-korp m’għadux jissodisfa l-kriterji minimi msemmija fis-subregolament (1). Huwa għandu jinforma immedjatament lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni b'dan.

(3) Jekk tiġi rtirata n-notifika ta' xi korp, l-attestazzjonijiet ta' konformità u d-dokumenti relatati li ġew provduti mill-korp konċernat għandhom jibqgħu validi, sakemm ma jiġix stabbilit li jeżisti riskju imminenti u dirett għas-saħħa u għas-sigurtà.

(4) Id-Direttorat għall-Affarijiet Regolatorji għandu jinforma lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra bil-korpi li jkun ħatar sabiex iwettqu l-proċeduri għall-valutazzjoni tal-konformità msemmija fis-subregolament (1), flimkien mal-kompiti speċifiċi li dawn il-korpi jkunu nħatru sabiex iwettqu u n-numri ta' identifikazzjoni li jkunu ġew assenjati lilhom mill-Kummissjoni.

VERŻJONI ELETTRONIKA

L-ittikkettar ta' oġġetti diversi minn oġġetti pirotekniċi għall-vetturi.

10. (1) Il-fabbrikanti jew importaturi għandhom jiżguraw li l-oġġetti pirotekniċi diversi minn oġġetti pirotekniċi għall-vetturi jkunu adegwatament ittikkettati b'mod viżibbli, leġibbli u indelibbli, għall-inqas, bil-lingwa Maltija jew Ingliża.

(2) L-ittikkettar ta' oġġetti pirotekniċi kif imsemmija fis-subregolament (1) għandu jinkludi bħala minimu l-isem u l-indirizz tal-fabbrikant jew, fejn il-fabbrikant ma jkunx stabbilit fil-Komunità, l-isem tal-fabbrikant u l-isem u l-indirizz tal-importatur, l-isem u t-tip tal-oġġett, il-limiti minimi ta' età kif indikat fir-regolamenti 4(1) u (2), il-kategorija rilevanti u l-istruzzjonijiet għall-użu, is-sena ta' produzzjoni għal-logħob tan-nar tal-kategoriji 3 u 4, u d-distanza minima ta' sigurezza. L-ittikkettar għandu jinkludi l-kwantità ekwivalenti netta (NEQ) ta' materjal esplożiv attiv.

(3) Addizzjonalment, il-logħob tan-nar għandu juri l-informazzjoni minima li ġejja:

(a) kategorija 1: fejn ikun xieraq: "għall-użu barra biss" u distanza minima ta' sigurezza;

(b) kategorija 2: "għall-użu barra biss" u distanza jew distanzi minimi ta' sigurezza;

(ċ) kategorija 3: "għall-użu barra biss" u distanza jew distanzi minimi ta' sigurezza; u

(d) kategorija 4: "għall-użu biss minn persuni b'konoxxenza speċjalizzata" u distanza jew distanzi minimi ta' sigurezza.

(4) Addizzjonalment, l-oġġetti pirotekniċi teatrali għandhom jinkludu l-informazzjoni minima li ġejja:

(a) kategorija T1: fejn ikun xieraq: "għall-użu barra biss" u distanza minima ta' sigurezza; u

(b) kategorija T2: "għall-użu minn persuni b'konoxxenza speċjalizzata biss" u distanza jew distanzi minimi ta' sigurezza.

(5) Jekk fuq l-oġġetti pirotekniċi ma jkunx hemm spazju biżżejjed għal-ħtiġiet tal-ittikkettar imsemmija fis-subregolamenti (2) sa (4), l-informazzjoni għandha tiġi provduta fuq l-iżgħar parti tal-pakkett.

(6) Id-disposizzjonijiet ta' dan ir-regolament m'għandhomx japplikaw għal oġġetti pirotekniċi li jkunu eżibiti fil-fieri kummerċjali,

f'wirjiet u f'dimostrazzjonijiet għall-kummerċjalizzazzjoni tal-oġġetti pirotekniċi, kif imsemmi fir-regolament 5(3), jew li jkunu fabbrikatii għall-finijiet ta' riċerka, żvilupp u ttestjar, kif imsemmi fir-regolament 5(4).

L-ittikkettar ta' oġġetti pirotekniċi għall-vetturi.

13. (1) L-ittikkettar ta' oġġetti pirotekniċi għall-vetturi għandu jinkludi l-isem tal-fabbrikant jew, fejn il-fabbrikant ma jkunx stabbilit fil-Komunità, l-isem tal-importatur, l-isem u t-tip tal-oġġett u l-istruzzjonijiet ta' sigurezza.

(2) Jekk fuq l-oġġett ma jkunx hemm spazju biżżejjed għal-ħtiġiet tal-ittikkettar imsemmija fis-subregolament (1), l-informazzjoni għandha tiġi provduta fuq il-pakkett.

(3) L-ittikkettar msemmi fis-subregolamenti (1) u (2) għandu jkun għall-inqas bil-lingwa Maltija jew Ingliża.

(4) Għandha tingħata lil-utenti professjonali, fil-lingwa mitluba minnhom, skeda ta' data ta' sigurezza magħmula skont l-Anness II tar-Regolament (KE) 1907/2006*. L-iskeda ta' *data* ta' sigurezza tista' tkun provduta fuq karta jew elettronikament, sakemm l-indirizzat ikollu l-mezzi neċessarji għall-aċċess tagħha.

Is-sorveljanza fuq is-suq.

14. (1) Għandhom jittieħdu l-miżuri adegwati kollha mid-Direttorat għas-Sorveljanza fuq is-Suq, fuq konsultazzjoni mal-Kummissarju tal-Pulizija, sabiex jiġi żgurat li l-oġġetti pirotekniċi, jitqiegħdu fis-suq biss jekk, meta jkunu korrettament maħżuna u użati għall-għan li huma jkunu maħsuba għalih, huma ma jkunux ta' periklu għas-saħħa u għas-sigurtà tal-persuni.

(2) Id-Direttorat għas-Sorveljanza fuq is-Suq għandu jagħmel spezzjonijiet regolari ta' oġġetti pirotekniċi mad-dħul tagħhom f'Malta u fis-siti fejn jiġu maħżuna u fabbrikati:

Iżda fil-każ ta' spezzjonijiet fis-siti fejn jiġu maħżuna u fabbrikati, id-Direttorat għas-Sorveljanza fuq is-Suq għandu jkun akkumpanjat mill-Pulizija.

(3) Id-Direttorat għas-Sorveljanza fuq is-Suq għandu, fuq konsultazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti, jieħu l-miżuri kollha

---

* ĠU Nru. L 396, 30-12-2006, p. 1–849. Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH), li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE tal-Kummissjoni.

VERŻJONI ELETTRONIKA

xierqa sabiex jiġi żgurat illi meta l-oġġetti pirotekniċi jiġu trasferiti fil-Komunità, jiġu rispettati l-ħtiġiet, imposti minn dawn ir-regolamenti, ta' sigurezza u siġurtà pubblika u ta' protezzjoni.

(4) Id-Direttorat għas-Sorveljanza fuq is-Suq għandu jorganizza u jagħmel sorveljanza xierqa fuq il-prodotti mqiegħda fis-suq filwaqt li titqies adegwatament il-preżunzjoni tal-konformità tal-prodotti li jkollhom il-marka CE.

(5) Id-Direttur tas-Sorveljanza fuq is-Suq għandu jħejji pjan annwali tal-attivitajiet ta' sorveljanza tas-suq taħt dawn ir-regolamenti.

(6) Fejn ikun aċċertat li xi oġġett pirotekniku, li jkollu l-marka CE, akkumpanjat mid-dikjarazzjoni ta' konformità tas-CE u użat skont l-għan li jkun maħsub għalih, jista' jipperikola s-saħħa u s-sigurezza tal-persuni, id-Direttorat għas-Sorveljanza fuq is-Suq għandu jieħu l-miżuri provviżorji xierqa kollha sabiex jirtira dak l-oġġett mis-suq, jipprojbixxi t-tqegħid tiegħu fis-suq jew jirrestriġi l-moviment liberu tiegħu. Id-Direttorat għall-Affarijiet Regolatorji għandu jinforma lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra b'dan.

(7) Meta l-Kummissarju tal-Pulizija, jew id-Direttorat għas-Sorveljanza fuq is-Suq, ikollu raġunijiet suffiċjenti biex jemmen illi oġġett pirotekniku qed jippreżenta riskju serju għas-saħħa u s-sigurtà tal-persuni f'Malta jew fil-Komunità, id-Direttorat għall-Affarijiet Regolatorji għandu jinforma lill-Kummissjoni u l-Istati Membri dwar dan u jwettaq valutazzjoni xierqa. Dan għandu jinforma lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri oħra dwar ir-riżultati u l-isfond tal-valutazzjoni.

(8) Fejn il-Kummissarju tal-Pulizija, fuq konsultazzjoni mad-Direttorat għas-Sorveljanza fuq is-Suq u d-Direttorat għall-Affarijiet Regolatorji, ma jaqbilx mal-miżuri provviżorji meħuda minn Stat Membru ieħor skont is-subregolament (6), id-Direttorat għall-Affarijiet Regolatorji għandu jinforma lill-Kummissjoni u jistenna l-valutazzjoni tagħha dwar il-miżuri.

(9) Fejn xi oġġett pirotekniku ma jikkonformax iżda jkollu l-marka CE, id-Direttorat għas-Sorveljanza fuq is-Suq għandu jieħu azzjoni xierqa kontra kull min waħħal il-marka u d-Direttorat għall-Affarijiet Regolatroji għandu jinforma b'dan lill-Kummissjoni.

(10) Kull miżura meħuda skont dawn ir-regolamenti:

(a) sabiex tipprojbixxi jew tirrestriġi t-tqegħid fis-suq ta' prodott; jew

(b) sabiex tirtira prodott mis-suq,

għandha tispeċifika r-raġunijiet eżatti li għalihom hija tkun ittieħdet. Miżuri bħal dawn għandhom jiġu notifikati mingħajr dewmien lill-parti konċernata, li fl-istess ħin għandha tiġi informata bir-rimedji disponibbli għaliha skont l-Att dwar is-Sigurezza tal-Prodotti u l-Ordinanza, u bil-limiti ta' żmien li għalihom dawn ir-rimedji jkunu suġġetti. F'dan il-każ, il-parti konċernata għandu jkollha l-opportunità li tressaq il-fehmiet tagħha 'il quddiem, ħlief meta konsultazzjoni bħal din ma tkunx possibbli minħabba l-urġenza tal-miżura li jkollha tittieħed, skont kif ikun ġustifikat b'mod partikolari mill-ħtiġiet ta' saħħa jew sigurtà pubblika.

Kap. 427.
Kap. 33.

(11) Is-setgħat tal-Kummissarju tal-Pulizija taħt dan ir-regolament jistgħu jiġu eżerċitati minn kull uffiċjal jew entità oħra kif hu jista' jidderiġi.

Pieni.

15. (1) Il-pieni applikabbli għall-ksur ta' xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti għandhom jkunu dawk provduti fit-Taqsima IV tal-Att dwar is-Sigurezza tal-Prodotti:

Kap. 427.

Iżda, fejn ikun ikkostitwit reat punibbli skont xi liġi oħra b'piena akbar, għandha tgħodd dik il-piena akbar ta' dik il-liġi.

(2) Il-miżuri neċessarji li jippermettu d-detenzjoni ta' konsenji ta' oġġetti pirotekniċi li jonqsu milli jħarsu d-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti għandhom ikunu dawk skont l-Att dwar is-Sigurezza tal-Prodotti u l-Ordinanza.

Kap. 33.

VERŻJONI ELETTRONIKA

L-EWWEL SKEDA
[Regolamenti 6 u 8]

ĦTIĠIET ESSENZJALI TA' SIGUREZZA
(Bbażat fuq l-Anness I tad-Direttiva 2007/23/KE)

1. Kull oġġett pirotekniku għandu jkollu l-karatteristiċi operattivi speċifikati mill-fabbrikant lill-korp notifikat sabiex tiġi żgurata l-akbar sigurezza u affidabbiltà.

2. Kull oġġett pirotekniku għandu jkun imfassal u ffabbrikat b'tali mod li, mingħajr periklu, ikun jista' jintrema bi proċess adatt li jħalli effett minimu fuq l-ambjent.

3. Kull oġġett pirotekniku għandu jiffunzjona korrettament meta jintuża għall-għan li għalih huwa jkun maħsub. Kull lott ta' oġġetti pirotekniċi għandu jiġi ttestjat taħt kondizzjonijiet realistiċi. Jekk dan ma jkunx possibbli f'laboratorju, it-testijiet għandhom isiru fil-kondizzjonijiet li fihom ikun sejjer jintuża l-oġġett pirotekniku. L-informazzjoni u l-kwalitajiet li ġejjin, fejn applikabbli, għandhom jiġu kkonsidrati jew ittestjati:

(a) il-kwalitajiet tat-tfassil, tal-kostruzzjoni u tal-karatteristiċi, inkluża l-kompożizzjoni kimika dettaljata (il-massa u l-perċentwali ta' sustanzi użati) u d-dimensjonijiet;

(b) l-istabbiltà fiżika u kimika tal-oġġett pirotekniku fil-kondizzjonijiet ambjentali normali kollha li wieħed jista' jipprevedi;

(ċ) is-sensittività għall-immaniġġar u għat-trasport normali li wieħed jista' jipprevedi;

(d) il-kompatibbiltà tal-komponenti kollha fir-rigward tal-istabbiltà kimika tagħhom;

(e) ir-reżistenza tal-oġġett pirotekniku għall-umdità fejn ikun maħsub li jintuża f'kondizzjonijiet umdi jew imxarrba u fejn is-sigurezza jew l-affidabbiltà tiegħu jistgħu jkunu milquta ħażin mill-umdità;

(f) ir-reżistenza għal temperaturi baxxi u għolja, fejn l-oġġett pirotekniku ikun maħsub li jinżamm jew li jkun użat f'temperaturi bħal dawn u s-sigurezza u l-affidabbiltà tiegħu jistgħu jiġu milquta ħażin bit-tkessiħ jew tisħin ta' komponent jew tal-oġġett pirotekniku kollu;

(g) il-karatteristiċi ta' sigurezza maħsuba sabiex jimpedixxu l-bidu jew it-tqabbid qabel il-waqt jew b'mod involontarju;

(h) istruzzjonijiet xierqa u, fejn meħtieġ, markaturi xierqa fir-rigward tal-immaniġġar, ħażna, użu (inklużi distanzi ta' sigurezza) u rimi mingħajr periklu fil-lingwa Maltija jew Ingliża;

(i) il-kapaċità li l-oġġett pirotekniku, l-ippakkjar tiegħu jew il-komponenti l-oħra ma jitqagħbrux taħt kondizzjonijiet normali ta' ħażna li wieħed jista' jipprevedi; u

(j) l-ispeċifikazzjoni tal-apparat u aċċessorji kollha meħtieġa u l-istruzzjonijiet għall-funzjonament mingħajr periklu tal-oġġett pirotekniku.

Waqt it-trasport u l-immaniġġar normali, ħlief jekk speċifikat mill-istruzzjonijiet tal-fabbrikant, l-oġġetti pirotekniċi għandhom jinkludu l-kompożizzjoni piroteknika.

4. L-oġġetti pirotekniċi m'għandhomx jikkontjenu:

(a) aġenti kummerċjali tal-ibblastjar, ħlief għal porvli jew *flash composition*; jew

(b) esplożivi militari.

5. Il-gruppi varji ta' oġġetti pirotekniċi għandhom mill-inqas jikkonformaw ukoll mal-ħtiġiet li ġejjin:

(a) logħob tan-nar:

(i) il-fabbrikant għandu jqassam il-logħob tan-nar f'kategoriji differenti skont ir-regolamenti 3(1) sa (3), karatterizzati skont il-kontenut esplożiv nett, id-distanzi ta' sigurezza, il-livell tal-ħoss, jew aspetti simili. Il-kategorija għandha tkun indikata b'mod ċar fuq it-tikketta.

Għal logħob tan-nar tal-kategorija 1, għandhom ikunu sodisfati l-kondizzjonijiet li ġejjin:

- id-distanza ta' sigurezza għandha tkun mill-anqas 1m. Madankollu, fejn xieraq, id-distanza ta' sigurezza tista' tkun inqas;

- il-livell massimu tal-ħoss m'għandux jaqbeż 120 dB (A, imp), jew livell ta' ħoss ekwivalenti mkejjel b'metodu adegwat ieħor, mid-distanza ta' sigurezza;

- il-kategorija 1 m'għandhiex tinkludi baraxxijiet (*bangers*), batteriji tal-baraxxijiet, baraxxijiet *flash* u batteriji tal-baraxxijiet *flash*;

- it-*throwdowns* fil-kategorija 1 m'għandhomx jikkontjenu aktar minn 2.5 mg ta' *silver fulminate*.

VERŻJONI ELETTRONIKA

Għal logħob tan-nar tal-kategorija 2, għandhom ikunu sodisfati l-kondizzjonijiet li ġejjin:

- id-distanza ta' sigurezza għandha tkun mill-anqas 8m. Madankollu, fejn xieraq, id-distanza ta' sigurezza tista' tkun inqas;

- il-livell massimu tal-ħoss m'għandux jaqbeż 120 dB (A, imp), jew livell ta' ħoss ekwivalenti mkejjel b'metodu adegwat ieħor, mid-distanza ta' sigurezza.

Għal logħob tan-nar tal-kategorija 3, għandhom ikunu sodisfati l-kondizzjonijiet li ġejjin:

- id-distanza ta' sigurezza għandha tkun mill-anqas 15m. Madankollu, fejn xieraq, id-distanza ta' sigurezza tista' tkun inqas;

- il-livell massimu tal-ħoss m'għandux jaqbeż 120 dB (A, imp), jew livell ta' ħoss ekwivalenti mkejjel b'metodu adegwat ieħor, mid-distanza ta' sigurezza.

(ii) il-logħob tan-nar jista' jkun magħmul biss minn materjal li jnaqqas kemm jista' jkun ir-riskju għas-saħħa, għall-proprjetà u għall-ambjent mill-fdalijiet;

(iii) il-metodu tat-tqabbid għandu jidher b'mod ċar jew għandu jkun indikat permezz ta' tikketta jew istruzzjonijiet;

(iv) il-logħob tan-nar m'għandux jiċċaqlaq b'mod erratiku u imprevedibbli;

(v) il-logħob tan-nar tal-kategoriji 1, 2 u 3 għandu jkun protett mit-tqabbid involontarju permezz ta' għatu protettiv, jew mill-ippakkjar, jew mill-kostruzzjoni tal-oġġett. Il-logħob tan-nar tal-kategorija 4 għandu jkun protett mit-tqabbid involontarju bil-metodi speċifikati mill-fabbrikant.

(b) oġġetti pirotekniċi oħra:

(i) l-oġġetti pirotekniċi għandhom ikunu mfassla b'tali mod li jnaqqas ir-riskju għas-saħħa, għall-proprjetà u għall-ambjent waqt l-użu normali;

(ii) il-metodu tat-tqabbid għandu jidher b'mod ċar jew għandu jkun indikat permezz ta' tikketta jew istruzzjonijiet;

(iii) l-oġġett pirotekniku għandu jkun imfassal b'tali mod li jnaqqas kemm jista' jkun ir-riskju għas-saħħa, għall-proprjetà u għall-ambjent mill-fdalijiet meta l-oġġett jitqabbad b'mod involontarju;

(iv) fejn xieraq, l-oġġett pirotekniku għandu jiffunzjona korrettament sad-data ta' "għandu jintuża sa" speċifikata mill-fabbrikant.

(ċ) l-apparat tat-tqabbid:

(i) l-apparat għat-tqabbid għandu jkun kapaċi jitqabbad b'mod affidabbli u jkun ta' kapaċità suffiċjenti ta' tqabbid fil-kondizzjonijiet kollha prevedibbli ta' użu normali;

(ii) it-tagħmir għat-tqabbid għandu jkun protett kontra skariki elettrostatiċi fil-kondizzjonijiet kollha prevedibbli ta' użu u ħażna normali;

(iii) it-tagħmir elettriku tat-tqabbid għandu jkun protett kontra żoni elettromanjetiċi fil-kondizzjonijiet kollha prevedibbli ta' użu u ħażna normali;

(iv) l-għata tal-miċeċ għandha tkun ta' saħħa mekkanika adegwata u għandha tipproteġi adegwatament il-mili esplożiv meta tkun suġġetta għat-tensjoni mekkanika normali li wieħed jista' jipprevedi;

(v) il-parametri għall-perjodi tat-tqabbid tal-miċeċ għandhom ikunu pprovduti mal-oġġett;

(vi) il-karatteristiċi elettriċi (eż. kurrent bla nar, reżistenza, eċċ.) tat-tagħmir elettriku tat-tqabbid għandhom ikunu pprovduti mal-oġġett;

(vii) il-wajers tat-tagħmir elettriku tat-tqabbid għandhom ikunu suffiċjentement insulati u ta' saħħa mekkanika suffiċjenti, inkluża s-soliditá tal-konnessjoni mat-tagħmir tat-tqabbid, b'kont meħud tal-użu li għalih ikunu maħsuba.

VERŻJONI ELETTRONIKA

IT-TIENI SKEDA
[Regolament 7]

PROĊEDURI TA' VALUTAZZJONI TAL-KONFORMITÀ
(Bbażat fuq l-Anness II tad-Direttiva 2007/23/KE)

MODULU B: **Eżami tat-tip tal-KE**

1. Dan il-modulu jiddeskrivi dik il-parti tal-proċedura li permezz tagħha korp notifikat jaċċerta u jafferma li kampjun, rappreżentattiv tal-produzzjoni kkunsidrata, jissodisfa d-dispożizzjonijiet rilevanti ta' dawn ir-regolamenti.

2. L-applikazzjoni għall-eżami tat-tip tal-KE għandha tiġi depożitata mill-fabbrikant mal-korp notifikat tal-għażla tiegħu. L-applikazzjoni għandha tinkludi:

(a) l-isem u l-indirizz tal-fabbrikant;

(b) dikjarazzjoni bil-miktub li l-istess applikazzjoni ma ġietx depożitata mal-ebda korp notifikat ieħor;

(ċ) id-dokumenti tekniċi, kif deskritti fil-partita 3.

L-applikant għandu jqiegħed għad-dispożizzjoni tal-korp notifikat kampjun rappreżentattiv tal-produzzjoni kkonsidrata, minn hawn il quddiem imsejjaħ "tip". Il-korp notifikat jista' jitlob aktar kampjuni jekk ikunu meħtieġa sabiex jitwettaq il-programm tal-ittestjar.

3. Id-dokumenti tekniċi għandhom jagħmlu possibbli l-valutazzjoni tal-konformità tal-oġġett mal-ħtiġiet ta' dawn ir-regolamenti. Huma għandhom, sa fejn ikun rilevanti għal tali valutazzjoni, ikopru t-tfassil, il-fabbrikazzjoni u l-funzjonament tal-oġġett u jinkludu, sa fejn ikun rilevanti għall-valutazzjoni:

(a) deskrizzjoni ġenerali tat-tip;

(b) id-disinni u d-dijagrammi konċettwali tat-tfassil u tal-fabbrikazzjoni tal-komponenti, tal-montaġġi separati, taċ-ċirkwiti, eċċ;

(ċ) id-deskrizzjonijiet u l-ispjegazzjonijiet neċessarji sabiex jinftiehmu d-disinni u d-dijagrammi u l-funzjonament tal-oġġett;

(d) lista tal-istandards armonizzati msemmija fir-regolament 8, applikati fis-sħiħ jew parzjalment, u d-deskrizzjonijiet tas-soluzzjonijiet adottati sabiex ikunu sodisfatti l-ħtiġiet essenzjali ta' sigurezza ta' dawn ir-regolamenti fejn l-i*standards* armonizzati msemmija fir-regolament 8 ma ġewx applikati;

(e) ir-riżultati tal-kalkoli tat-tfassil li saru, l-eżamijiet li jkunu saru, eċċ; u

(f) ir-rapporti tat-testijiet.

4. Il-korp notifikat għandu:

(a) jeżamina d-dokumenti tekniċi, jivverifika illi t-tip ġie ffabbrikat b'mod konformi ma' dawk id-dokumenti u jidentifika l-elementi li ġew imfassla skont id-disposizzjonijiet rilevanti tal-i*standards* armonizzati msemmija fir-regolament 8 kif ukoll il-komponenti li ġew imfassla mingħajr ma ġew applikati d-disposizzjonijiet rilevanti ta' dawk l-i*standards* armonizzati;

(b) jagħmel jew ikun għamel l-eżamijiet xierqa u t-testijiet neċessarji sabiex jikkontrolla jekk, fejn ma ġewx applikati l-i*standards* armonizzati msemmija fir-regolament 8, is-soluzzjonijiet adottati mill-fabbrikant jissodisfawx il-ħtiġiet essenzjali ta' sigurezza ta' dawn ir-regolamenti;

(ċ) jagħmel jew ikun għamel l-eżamijiet xierqa u t-testijiet neċessarji sabiex jikkontrolla jekk, fejn il-fabbrikant ikun għażel li japplika l-i*standards* armonizzati rilevanti, dawn ġewx applikati; u

(d) jiftiehem mal-applikant fejn se jsiru l-eżamijiet u t-testijiet neċessarji.

5. Fejn it-tip jissodisfa d-disposizzjonijiet rilevanti ta' dawn ir-regolamenti, il-korp notifikat joħroġ ċertifikat tal-eżami tat-tip tal-KE lill-applikant. Iċ-ċertifikat għandu jkollu l-isem u l-indirizz tal-fabbrikant, ir-riżultati tal-eżami u d-data neċessarja għall-identifikazzjoni tat-tip approvat.

Lista tal-partijiet rilevanti tad-dokumenti tekniċi għandha tiġi annessa maċ-ċertifikat u tinżamm kopja ta' din il-lista mill-korp notifikat.

Fejn il-fabbrikant jiġi rifjutat ċertifikat tat-tip, il-korp notifikat għandu jipprovdi raġunijiet dettaljati għal dan ir-rifjut.

Għandu jsir provvediment għal proċedura ta' appell.

6. L-applikant għandu jinforma lill-korp notifikat li jkollu d-dokumenti tekniċi dwar iċ-ċertifikat tal-eżami tat-tip tal-KE bil-modifiki kollha fl-oġġett approvat li għandu jirċievi approvazzjoni addizzjonali fejn dawn it-tibdiliet jistgħu jolqtu l-konformità mal-ħtiġiet essenzjali jew mal-kondizzjonijiet preskritti għall-użu tal-oġġett. Din l-approvazzjoni addizzjonali għandha tingħata fil-forma ta' addizzjoni maċ-ċertifikat oriġinali tal-eżami tat-tip tal-KE.

7. Kull korp notifikat għandu jikkomunika lill-korpi notifikati l-oħra l-informazzjoni rilevanti dwar iċ-ċertifikati tal-eżami tat-tip tal-KE u l-addizzjonijiet maħruġa jew irtirati.

8. Il-korpi notifikati l-oħra jistgħu jirċievu kopji taċ-ċertifikati tal-eżami tat-tip tal-KE u/jew kull addizzjoni magħmula lilhom. L-annessi taċ-ċertifikati għandhom jinżammu għad-dispożizzjoni tal-korpi notifikati l-oħra.

9. Il-fabbrikant għandu jżomm kopji taċ-ċertifikati tal-eżami tat-tip tal-KE u kull addizzjoni magħmula lilhom mad-dokumenti tekniċi għal perjodu ta' mhux inqas minn għaxar snin wara l-aħħar data tal-fabbrikazzjoni tal-oġġett konċernat. Fejn il-fabbrikant ma jkunx stabbilit fil-Komunità, l-obbligu li jinżammu disponibbli d-dokumenti tekniċi jkun r-responsabbiltà tal-persuna li tqiegħed l-oġġett fis-suq.

MODULU Ċ: **Il-konformità mat-tip**

1. Dan il-modulu jiddeskrivi dik il-parti tal-proċedura li permezz tagħha l-fabbrikant jiżgura u jiddikjara li l-oġġetti pirotekniċi konċernati huma konformi mat-tip kif deskritt fiċ-ċertifikat tal-eżami tat-tip tal-KE u jissodisfaw il-ħtiġiet ta' dawn ir-regolamenti li japplikaw għalihom. Il-fabbrikant għandu jwaħħal il-marka CE ma' kull oġġett pirotekniku u jagħmel dikjarazzjoni ta' konformità bil-miktub.

2. Il-fabbrikant għandu jieħu l-miżuri neċessarji kollha sabiex jiżgura li l-proċess tal-fabbrikazzjoni jiżgura l-konformità tal-oġġett fabbrikat mat-tip kif deskritt fiċ-ċertifikat tal-eżami tat-tip tal-KE u mal-ħtiġiet essenzjali ta' sigurezza ta' dawn ir-regolamenti.

3. Il-fabbrikant għandu jżomm kopja tad-dikjarazzjoni ta' konformità għal perjodu ta' mill-inqas għaxar snin wara l-aħħar data tal-fabbrikazzjoni tal-oġġett konċernat. Fejn il-fabbrikant ma jkunx stabbilit fil-Komunità, l-obbligu li jinżammu disponibbli d-dokumenti tekniċi jkun ir-responsabbiltà tal-persuna li tqiegħed il-prodott fis-suq.

4. Korp notifikat magħżul mill-fabbrikant għandu jagħmel jew iqabbad lil min jagħmel eżamijiet fuq l-oġġett f'intervalli fuq bażi każwali. Għandu jiġi eżaminat kampjun adegwat, meħud fuq il-post mill-korp notifikat, tal-oġġetti lesti, u għandhom isiru testijiet adegwati, definiti fl-istandard armonizzat applikabbli msemmi fir-regolament 8, jew testijiet ekwivalenti sabiex tiġi kontrollata l-konformità tal-oġġett mal-ħtiġiet ta' dawn ir-regolamenti. Fil-każ li kampjun wieħed jew aktar minn wieħed tal-oġġett eżaminati ma jkunux konformi, il-korp notifikat għandu jieħu l-miżuri xierqa.

Taħt ir-responsabbiltà tal-korp notifikat, il-fabbrikant għandu jwaħħal in-numru ta' identifikazzjoni ta' dak il-korp waqt il-proċess tal-fabbrikazzjoni.

MODULU D: **L-assigurazzjoni tal-kwalità tal-produzzjoni**

1. Dan il-modulu jiddeskrivi l-proċedura li permezz tagħha l-fabbrikant li jissodisfa l-obbligi stabbiliti fil-partita 2 jiżgura u jiddikjara li l-oġġetti pirotekniċi konċernati jkunu f'konformità mat-tip deskritt fiċ-ċertifikat tal-eżami tat-tip tal-KE

u jissodisfaw il-ħtiġiet ta' dawn ir-regolamenti. Il-fabbrikant għandu jwaħħal il-marka CE ma' kull oġġett u jagħmel dikjarazzjoni ta' konformità bil-miktub. Il-marka CE għandha tkun akkumpanjata min-numru ta' identifikazzjoni tal-korp notifikat responsabbli għall-monitoraġġ imsemmi fil-partita 4.

2. Il-fabbrikant għandu jopera sistema approvata ta' kwalità għall-produzzjoni, għall-ispezzjoni u ttestjar tal-prodott finali kif speċifikat fil-partita 3. Huwa għandu jkun suġġett għall-monitoraġġ imsemmi fil-partita 4.

3. Is-sistema ta' kwalità:

(a) il-fabbrikant għandu jippreżenta applikazzjoni għall-valutazzjoni tas-sistema tiegħu ta' kwalità ma' korp notifikat tal-għażla tiegħu, fir-rigward tal-oġġetti pirotekniċi konċernati. L-applikazzjoni għandha tinkludi:

(i) l-informazzjoni kollha rilevanti għall-kategorija tal-oġġett pirotekniku, ikkunsidrata;

(ii) id-dokumenti dwar is-sistema ta' kwalità; u

(iii) id-dokumenti tekniċi li jappartjenu lit-tip approvat u kopja taċ-ċertifikat tal-eżami tat-tip tal-KE.

(b) is-sistema ta' kwalità għandha tiżgura l-konformità tal-oġġetti pirotekniċi mat-tip kif deskritt fiċ-ċertifikat tal-eżami tat-tip tal-KE u mal-ħtiġiet ta' dawn ir-regolamenti li japplikaw għalihom.

L-elementi, il-ħtiġiet u l-provvisti kollha adottati mill-fabbrikant għandhom ikunu dokumentati b'mod sistematiku u ordnat fil-forma ta' linji politiċi, proċeduri u istruzzjonijiet miktuba. Id-dokumenti tas-sistema ta' kwalità għandhom jippermettu interpretazzjoni konsistenti tal-programmi ta' kwalità, tal-pjanijiet, tal-manwali u tar-rekords ta' kwalità.

Huma għandhom, b'mod partikolari, jinkludu deskrizzjoni xierqa ta':

(i) l-għanijiet ta' kwalità u l-istruttura tal-organizzazzjoni, ir-responsabbiltajiet u s-setgħat tal-amministrazzjoni rigward il-kwalità tal-oġġetti pirotekniċi;

(ii) it-teknika, il-proċessi, u l-azzjonijiet sistematiċi tal-fabbrikazzjoni, tal-kontroll tal-kwalità u tal-assigurazzjoni tal-kwalità li se jintużaw;

(iii) l-eżamijiet u t-testijiet li se jitwettqu qabel, waqt u wara l-fabbrikazzjoni, u l-frekwenza li biha se jitwettqu;

VERŻJONI ELETTRONIKA

(iv) ir-rekords tal-kwalità, bħar-rapporti ta' ispezzjonijiet u d-data tat-testijiet, id-data tal-kalibrazzjoni, ir-rapporti dwar il-kwalifiki tal-persunal konċernat;

(v) il-mezzi ta' monitoraġġ tal-ksib tal-kwalità meħtieġa tal-oġġetti pirotekniċi u tal-funzjonament effettiv tas-sistema ta' kwalità.

(ċ) il-korp notifikat għandu jivvaluta s-sistema ta' kwalità sabiex jiddetermina jekk tissodisfax il-ħtiġiet msemmija fil-partita 3(b). Għandu jippreżumi konformità ma' dawk il-ħtiġiet fir-rigward ta' sistemi ta' kwalità li jimplimentaw l-istandard armonizzat rilevanti. Il-grupp tal-verifika għandu jkollu mill-inqas membru wieħed b'esperjenza sabiex ikun jista' jivvaluta t-teknoloġija rilevanti tal-prodott. Il-proċedura tal-valutazzjoni għandha tinkludi żjara ta' ispezzjoni fis-sit tal-fabbrikant.

Għandha tiġi notifikata deċiżjoni debitament sostanzjata lill-fabbrikant. Hija għandha jkollha r-riżultati tal-eżami.

(d) il-fabbrikant għandu jimpenja ruħu li jwettaq l-obbligi tas-sistema ta' kwalità kif approvata u jżommha f'livell adegwat u effiċjenti.

Il-fabbrikant għandu jżomm il-korp notifikat li approva s-sistema ta' kwalità informat b'kull bidla proposta fis-sistema ta' kwalità.

Il-korp notifikat għandu jeżamina l-bidliet proposti u jiddeċiedi jekk is-sistema ta' kwalità, kif mibdula, tibqax tissodisfa l-ħtiġiet msemmija fil-partita 3(b) jew jekk hemmx ħtieġa ta' valutazzjoni mill-ġdid.

Għandha tiġi notifikata deċiżjoni debitament sostanzjata lill-fabbrikant. Hija għandha jkollha r-riżultati tal-eżami.

4. Monitoraġġ taħt ir-responsabbiltà tal-korp notifikat:

(a) l-għan tal-monitoraġġ huwa li jiġi żgurat li l-fabbrikant iwettaq, kif dovut, l-obbligi imposti mis-sistema approvata ta' kwalità;

(b) il-fabbrikant għandu jippermetti li l-korp notifikat ikollu aċċess għall-finijiet ta' ispezzjoni għas-siti tal-fabbrikazzjoni, tal-ispezzjoni, tal-ittestjar u tal-ħażna u jipprovdilu l-informazzjoni neċessarja kollha, b'mod partikolari:

(i) id-dokumenti tas-sistema ta' kwalità; u

(ii) ir-rekords tal-kwalità, bħar-rapporti ta' ispezzjonijiet u d-data tat-testijiet, id-data tal-kalibrazzjoni, u r-rapporti dwar il-kwalifiki tal-persunal konċernat;

(ċ) il-korp notifikat għandu perjodikament jagħmel verifiki sabiex

jiżgura li l-fabbrikant iżomm u japplika s-sistema ta' kwalità u jipprovdi rapport tal-verifika lill-fabbrikant;

(d) addizzjonalment, il-korp notifikat jista' jagħmel żjarat għall-għarrieda lill-fabbrikant. Waqt dawn iż-żjarat il-korp notifikat jista', jekk ikun meħtieġ, jagħmel testijiet jew iqabbad lil min jagħmilhom sabiex jivverifika li s-sistema ta' kwalità tiffunzjona korrettament. Il-korp notifikat għandu jipprovdi lill-fabbrikant b'rapport taż-żjara u, jekk ikun sar test, b'rapport tat-test.

5. Il-fabbrikant għandu, għal perjodu ta' mill-inqas għaxar snin wara l-aħħar data tal-fabbrikazzjoni tal-oġġett, iżomm għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet nazzjonali:

(a) id-dokument imsemmi fil-partita 3(a)(ii);

(b) id-dokumenti marbuta mal-aġġornament imsemmi fit-tieni subparagrafu tal-partita 3(d); u

(ċ) id-deċiżjonijiet u r-rapporti tal-korp notifikat li jissemmew fir-raba' subparagrafu tal-partita 3(d), u fil-partiti 4(ċ) u (d).

6. Kull korp notifikat għandu jgħaddi lill-korpi notifikati l-oħra l-informazzjoni rilevanti dwar l-approvazzjonijiet, tas-sistemi ta' kwalità, maħruġa jew irtirati.

MODULU E: **L-assigurazzjoni tal-kwalità tal-prodott**

1. Dan il-modulu jiddeskrivi l-proċedura li permezz tagħha l-fabbrikant li jissodisfa l-obbligi stabbiliti fil-partita 2 jiżgura u jiddikjara li l-oġġetti pirotekniċi konċernati jkunu f'konformità mat-tip deskritt fiċ-ċertifikat tal-eżami tat-tip tal-KE. Il-fabbrikant għandu jwaħħal il-marka CE ma' kull oġġett u jagħmel dikjarazzjoni ta' konformità bil-miktub. Il-marka CE tkun akkumpanjata min-numru ta' identifikazzjoni tal-korp notifikat responsabbli għall-monitoraġġ imsemmi fil-partita 4.

2. Il-fabbrikant għandu jopera sistema approvata ta' kwalità għall-ispezzjoni u ttestjar tal-oġġett pirotekniku finali kif speċifikat fil-partita 3. Huwa għandu jkun suġġett għall-monitoraġġ imsemmi fil-partita 4.

3. Is-sistema ta' kwalità:

(a) il-fabbrikant għandu jiddepożita applikazzjoni mal-korp notifikat tal-għażla tiegħu għall-valutazzjoni tas-sistema ta' kwalità fir-rigward tal-oġġetti pirotekniċi tiegħu. L-applikazzjoni għandha tinkludi:

(i) l-informazzjoni kollha rilevanti għall-kategorija tal-oġġett pirotekniku, ikkonsidrata;

VERŻJONI ELETTRONIKA

(ii) id-dokumenti dwar is-sistema ta' kwalità; u

(iii) id-dokumenti tekniċi li jappartjenu lit-tip approvat u kopja taċ-ċertifikat tal-eżami tat-tip tal-KE.

(b) taħt is-sistema ta' kwalità, kull oġġett pirotekniku għandu jiġi eżaminat u għandhom isiru testijiet adegwati kif definit fl-i*standard* jew *standards* armonizzati rilevanti msemmija fir-regolament 8 jew testijiet ekwivalenti sabiex jivverifikaw il-konformità tal-oġġett mal-ħtiġiet rilevanti ta' dawn ir-regolamenti.

L-elementi, il-ħtiġiet u d-disposizzjonijiet kollha adottati mill-fabbrikant għandhom ikunu dokumentati b'mod sistematiku u ordnat fil-forma ta' linji politiċi, proċeduri u istruzzjonijiet miktuba. Id-dokumenti tas-sistema ta' kwalità għandhom jippermettu interpretazzjoni konsistenti tal-programmi ta' kwalità, tal-pjanijiet, tal-manwali u tar-rekords ta' kwalità.

Huma għandhom, b'mod partikolari, jinkludu deskrizzjoni adegwata ta':

(i) għanijiet ta' kwalità u l-istruttura tal-organizzazzjoni, ir-responsabbiltajiet u s-setgħat tal-amministrazzjoni rigward il-kwalità tal-prodott;

(ii) l-eżami u t-testijiet li jkunu se jsiru wara l-fabbrikazzjoni;

(iii) il-mezzi ta' monitoraġġ tal-funzjonament effettiv tas-sistema ta' kwalità; u

(iv) ir-rekords tal-kwalità, bħar-rapporti ta' ispezzjonijiet u d-data tat-test, id-data tal-kalibrazzjoni, u r-rapporti dwar il-kwalifiki tal-persunal konċernat.

(ċ) il-korp notifikat għandu jivvaluta s-sistema ta' kwalità sabiex jiddetermina jekk tissodisfax il-ħtiġiet msemmija fil-partita 3(b). Għandu jippreżumi konformità ma' dawn il-ħtiġiet fir-rigward tas-sistemi ta' kwalità li jimplimentaw l-istandard armonizzat rilevanti.

Il-grupp tal-verifika għandu jkollu mill-inqas membru wieħed b'esperjenza fil-valutazzjoni tat-teknoloġija rilevanti tal-prodott. Il-proċedura tal-valutazzjoni għandha tinkludi żjara ta' ispezzjoni fis-sit tal-fabbrikant.

Għandha tiġi nnotifikata deċiżjoni debitament sostanzjata dwar l-ispezzjonijiet lill-fabbrikant Din għandha jkollha r-riżultati tal-eżami.

(d) il-fabbrikant għandu jimpenja ruħu li jwettaq l-obbligi tas-sistema ta' kwalità kif approvata u jżommha f'livell adegwat u effiċjenti.

Il-fabbrikant għandu jżomm il-korp notifikat li approva s-sistema ta' kwalità informat b'kull bidla proposta fis-sistema ta' kwalità.

Il-korp notifikat għandu jeżamina l-bidliet proposti u jiddeċiedi jekk is-sistema ta' kwalità, kif mibdula, tibqax tissodisfa l-ħtiġiet msemmija fil-partita 3(b) jew jekk hemmx ħtieġa ta' valutazzjoni mill-ġdid.

Għandha tiġi nnotifikata deċiżjoni debitament sostanzjata dwar l-ispezzjonijiet lill-fabbrikant. Din għandha jkollha r-riżultati tal-eżami.

4. Monitoraġġ taħt ir-responsabbiltà tal-korp notifikat:

(a) l-għan tal-monitoraġġ huwa li jiġi żgurat li l-fabbrikant iwettaq, kif dovut, l-obbligi imposti mis-sistema approvata ta' kwalità;

(b) il-fabbrikant għandu jippermetti li l-korp notifikat ikollu aċċess għall-finijiet ta' ispezzjoni għas-siti tal-fabbrikazzjoni, tal-ispezzjoni, tal-ittestjar u tal-ħażna u jipprovdilu l-informazzjoni neċessarja kollha, b'mod partikolari:

(i) id-dokumenti tas-sistema ta' kwalità;

(ii) id-dokumenti tekniċi;

(iii) ir-rekords tal-kwalità, bħar-rapporti ta' ispezzjonijiet u d-data tat-testijiet, id-data tal-kalibrazzjoni, u r-rapporti dwar il-kwalifiki tal-persunal konċernat.

(ċ) il-korp notifikat għandu perjodikament jagħmel verifiki sabiex jiżgura li l-fabbrikant iżomm u japplika s-sistema ta' kwalità u jipprovdi rapport tal-verifika lill-fabbrikant;

(d) addizzjonalment, il-korp notifikat jista' jagħmel żjarat għall-għarrieda lill-fabbrikant. Waqt dawn iż-żjarat il-korp notifikat jista', jekk ikun meħtieġ, jagħmel testijiet jew iqabbad lil min jagħmilhom sabiex jivverifika li s-sistema ta' kwalità tiffunzjona korrettament. Il-korp notifikat għandu jipprovdi lill-fabbrikant b'rapport taż-żjara u, jekk ikun sar test, b'rapport tat-test.

5. Il-fabbrikant għandu, għal perjodu ta' mill-inqas għaxar snin wara l-aħħar data tal-fabbrikazzjoni tal-oġġett, iżomm għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet nazzjonali:

(a) id-dokumenti msemmija fil-partita 3(a)(ii);

(b) id-dokumenti marbuta mal-aġġornament imsemmi fit-tieni subparagrafu tal-partita 3(d);

VERŻJONI ELETTRONIKA

(ċ) id-deċiżjonijiet u r-rapporti tal-korp notifikat imsemmija fir-raba' subparagrafu tal-partita 3(d), u fil-partiti 4(ċ) u (d).

6. Kull korp notifikat għandu jgħaddi lill-korpi notifikati l-oħra l-informazzjoni rilevanti dwar l-approvazzjonijiet, tas-sistemi ta' kwalità, maħruġa jew irtirati.

MODULU Ġ: **Il-verifika tal-unità**

1. Dan il-modulu jiddeskrivi l-proċedura li permezz tagħha l-fabbrikant jiżgura u jiddikjara li l-oġġett pirotekniku li ngħatalu ċ-ċertifikat imsemmi fil-partita 2 jikkonforma mal-ħtiġiet rilevanti ta' dawn ir-regolamenti. Il-fabbrikant għandu jwaħħal il-marka CE mal-oġġett u jagħmel dikjarazzjoni ta' konformità.

2. Il-korp notifikat għandu jeżamina l-oġġett pirotekniku u jagħmel it-testijiet adegwati kif stabbilit fl-i*standard* jew *standards* armonizzati rilevanti msemmija fir-regolament 8, jew testijiet ekwivalenti, sabiex jiżgura l-konformità tal-oġġett mal-ħtiġiet rilevanti ta' dawn ir-regolamenti.

3. L-għan tad-dokumenti tekniċi huwa li tkun tista' ssir l-valutazzjoni tal-konformità mal-ħtiġiet ta' dawn ir-regolamenti u li jkunu jistgħu jinftiehmu t-tfassil, il-fabbrikazzjoni u l-funzjonament tal-oġġett pirotekniku:

(a) deskrizzjoni ġenerali tat-tip;

(b) id-disinni u d-dijagrammi konċettwali tat-tfassil u tal-fabbrikazzjoni tal-komponenti, tal-montaġġi separati u taċ-ċirkwiti;

(ċ) id-deskrizzjonijiet u l-ispjegazzjonijiet neċessarji sabiex jinftiehmu d-disinni konċettwali u t-tpinġijiet tal-manifattura, l-iskemi tal-komponenti, tal-montaġġi separati u taċ-ċirkwiti u l-funzjonament tal-oġġett pirotekniku;

(d) lista tal-i*standards* armonizzati msemmija fir-regolament 8, applikati fis-sħiħ jew parzjalment, u d-deskrizzjonijiet tas-soluzzjonijiet adottati sabiex ikunu sodisfatti l-ħtiġiet essenzjali ta' sigurezza ta' dawn ir-regolamenti fejn l-i*standards* armonizzati msemmija fir-regolament 8 ma ġewx applikati;

(e) ir-riżultati tal-kalkoli li saru fit-tfassil u tal-eżamijiet li twettqu;

(f) ir-rapporti tat-testijiet.

B 1556

MODULU Ħ: **Assigurazzjoni sħiħa ta’ kwalità**

1. Dan il-modulu jiddeskrivi l-proċedura li permezz tagħha l-fabbrikant li jissodisfa l-obbligi stabbiliti fil-partita 2 jiżgura u jiddikjara li l-oġġetti konċernati jissodisfaw il-ħtiġiet ta' dawn ir-regolamenti. Il-fabbrikant jew l-importatur tiegħu għandu jwaħħal il-marka CE ma' kull oġġett u jagħmel dikjarazzjoni ta' konformità bil-miktub. Il-marka CE għandha tkun akkumpanjata min-numru ta' identifikazzjoni tal-korp notifikat responsabbli għall-monitoraġġ imsemmi fil-partita 4.

2. Il-fabbrikant għandu jopera sistema approvata ta' kwalità għat-tfassil, għall-produzzjoni, għall-ispezzjoni u ttestjar tal-prodott finali kif speċifikat fil-partita 3 u għandu jkun suġġett għall-monitoraġġ imsemmi fil-partita 4.

3. Is-sistema ta' kwalità:

(a) Il-fabbrikant għandu jippreżenta applikazzjoni għall-valutazzjoni tas-sistema tiegħu ta' kwalità ma' korp notifikat.L-applikazzjoni għandha tinkludi:

(i) l-informazzjoni kollha rilevanti għall-kategorija tal-oġġett pirotekniku kkunsidrata; u

(ii) id-dokumenti dwar is-sistema ta' kwalità.

(b) is-sistema ta' kwalità għandha tiżgura l-konformità tal-oġġetti mal-ħtiġiet ta' dawn ir-regolamenti.

L-elementi, il-ħtiġiet u l-provvisti kollha adottati mill-fabbrikant għandhom ikunu dokumentati b'mod sistematiku u ordnat fil-forma ta' linji politiċi, proċeduri u istruzzjonijiet miktuba. Id-dokumenti tas-sistema ta' kwalità għandhom jippermettu interpretazzjoni konsistenti tal-programmi ta' kwalità, tal-pjanijiet, tal-manwali u tar-rekords ta' kwalità.

Huma għandhom, b'mod partikolari, jinkludu deskrizzjoni adegwata ta':

(i) l-objettivi ta' kwalità kif ukoll l-istruttura organizzattiva, ir-responsabbiltajiet u s-setgħat tal-amministrazzjoni fir-rigward tat-tfassil u tal-kwalità tal-prodott;

(ii) l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-kostruzzjoni, inklużi l-istandards applikabbli, kif ukoll, jekk l-istandards imsemmija fir-regolament 8 ma ġewx kompletament applikati, il-mezzi li bihom għandu jiġi żgurat li l-ħtiġiet bażiċi rilevanti ta' dawn ir-regolamenti ġew sodisfatti;

(iii) it-teknika għall-kontroll u l-valutazzjoni tar-riżultati tal-iżvilupp, tal-proċessi u tal-azzjonijiet sistematiċi li jiġu użati fl-iżvilupp

VERŻJONI ELETTRONIKA

tal-prodotti li jaqgħu fil-kategorija konċernata ta' prodotti;

(iv) it-teknika tal-fabbrikazzjoni, tal-kontroll tal-kwalità u tal-assigurazzjoni tal-kwalità u l-proċessi u l-azzjonijiet sistematiċi applikati;

(v) l-eżamijiet u t-testijiet li se jsiru qabel, waqt u wara l-fabbrikazzjoni, u l-frekwenza li biha jsiru;

(vi) ir-rekords tal-kwalità, bħar-rapporti tal-ispezzjonijiet u d-data tat-testijiet, id-data tal-kalibrazzjoni, u r-rapporti dwar il-kwalifiki tal-persunal konċernat;

(vii) il-mezzi li bihom jiġu mmonitorjati t-twettiq tat-tfassil meħtieġ u l-kisba tal-kwalità tal-prodott kif ukoll il-funzjonament effettiv tas-sistema ta' kwalità.

(ċ) il-korp notifikat għandu jivvaluta s-sistema ta' kwalità sabiex jiddetermina jekk tissodisfax il-ħtiġiet msemmija fil-partita 3(b). Għandu jippreżumi konformità ma' dawk il-ħtiġiet fir-rigward ta' sistemi ta' kwalità li jimplimentaw l-i*standard* armonizzat rilevanti.

Il-grupp tal-verifika għandu jkollu mill-inqas membru wieħed b'esperjenza sabiex ikun jista' jivvaluta t-teknoloġija rilevanti tal-prodott. Il-proċedura tal-valutazzjoni għandha tinkludi żjara ta' ispezzjoni lis-sit tal-fabbrikant.

Għandha tiġi nnotifikata deċiżjoni debitament sostanzjata dwar l-ispezzjonijiet lill-fabbrikant. Din għandha jkollha r-riżultati tal-eżami.

(d) il-fabbrikant għandu jimpenja ruħu li jwettaq l-obbligi tas-sistema ta' kwalità kif approvata u jżommha f'livell adegwat u effiċjenti.

Il-fabbrikant għandu jżomm il-korp notifikat li approva s-sistema ta' kwalità informat b'kull bidla proposta fis-sistema ta' kwalità.

Il-korp notifikat għandu jeżamina l-bidliet proposti u jiddeċiedi jekk is-sistema ta' kwalità, kif mibdula, tibqax tissodisfa l-ħtiġiet msemmija fil-partita 3(b) jew jekk hemmx ħtieġa ta' valutazzjoni mill-ġdid.

Għandha tiġi nnotifikata deċiżjoni debitament sostanzjata dwar l-ispezzjonijiet lill-fabbrikant. Din għandha jkollha r-riżultati tal-eżami.

4. Il-monitoraġġ mill-KE taħt ir-responsabbiltà tal-korp notifikat:

(a) l-għan tal-monitoraġġ mill-KE huwa li jiġi żgurat li l-fabbrikant iwettaq, kif dovut, l-obbligi imposti mis-sistema approvata ta' kwalità;

(b) il-fabbrikant għandu jippermetti li l-korp notifikat ikollu aċċess għall-finijiet ta' ispezzjoni għas-siti tal-fabbrikazzjoni, tal-ittestjar u tal-ħażna u jipprovdilu l-informazzjoni neċessarja kollha, b'mod partikolari:

(i) id-dokumenti tas-sistema ta' kwalità;

(ii) ir-rekords tal-kwalità meħtieġa mis-sistema ta' kwalità għall-qasam tal-iżvilupp bħar-riżultati tal-analiżi, tal-kalkoli u tat-testijiet;

(iii) ir-rekords tal-kwalità meħtieġa mis-sistema ta' kwalità għall-qasam tal-iżvilupp bħar-rapporti ta' ispezzjonijiet u d-data tat-test, id-data ta' kalibrazzjoni, u r-rapporti dwar il-kwalifiki tal-persunal konċernat;

(ċ) il-korp notifikat għandu perjodikament jagħmel verifiki sabiex jiżgura li l-fabbrikant iżomm u japplika s-sistema ta' kwalità u għandu jipprovdi rapport tal-verifika lill-fabbrikant;

(d) addizzjonalment, il-korp notifikat jista' jagħmel żjarat għall-għarrieda lill-fabbrikant. Waqt dawn iż-żjarat il-korp notifikat jista', jekk ikun meħtieġ, jagħmel testijiet jew iqabbad lil min jagħmilhom sabiex jiġi vverifikat li s-sistema ta' kwalità tiffunzjona korrettament. Il-korp notifikat għandu jipprovdi lill-fabbrikant b'rapport taż-żjara u, jekk ikun sar xi test, b'rapport tat-test.

5. Il-fabbrikant għandu, għal perjodu ta' mill-inqas għaxar snin wara l-aħħar data tal-fabbrikazzjoni tal-oġġett, iżomm għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet nazzjonali:

(a) id-dokumenti imsemmija fil-partita 3(a)(ii);

(b) id-dokumenti marbuta mal-aġġornament imsemmi fit-tieni subparagrafu tal-partita 3(d); u

(ċ) id-deċiżjonijiet u r-rapporti mill-korp notifikat li jissemmew fir-raba' subparagrafu tal-partita 3(d), u fil-partiti 4(ċ) u (d).

6. Kull korp notifikat għandu jgħaddi lill-korpi notifikati l-oħra l-informazzjoni rilevanti dwar l-approvazzjonijiet tas-sistemi ta' kwalità maħruġa jew irtirati.

IT-TIELET SKEDA
[Regolamenti 4 u 9]

IL-KRITERJI MINIMI LI GĦANDHOM JIĠU KUNSIDRATI MILL-ISTATI MEMBRI GĦALL-KORPI RESPONSABBLI MILL-VALUTAZZJONI TAL-KONFORMITÀ
(Bbażat fuq l-Anness III tad-Direttiva 2007/23/KE)

1. Il-korpi notifikati ikunu suġġett għar-Regolamenti dwar il-Ħatra ta' Korpi ta' Verifika ta' Konformità u għandhom ukoll jissodisfaw il-kriterji mniżżla hawn isfel.

2. Il-korp, id-direttur tiegħu u l-persunal responsabbli sabiex iwettqu t-testijiet ta' verifika m'għandhomx ikunu l-persuna li tagħmel it-tfassil, il-fabbrikant, il-fornitur, l-installatur jew l-importatur tal-oġġetti pirotekniċi li jispezzjonaw, lanqas ir-rappreżentant awtorizzat ta' xi waħda minn dawn il-partijiet. Huma m'għandhomx ikunu involuti la direttament u lanqas bħala rappreżentanti awtorizzati fit-tfassil, fil-kostruzzjoni, fil-kummerċjalizzazzjoni, fil-manutenzjoni jew fl-importazzjoni ta' tali oġġetti. Dan ma jipprekludix il-possibbiltà ta' skambji ta' informazzjoni teknika bejn il-fabbrikant u l-korp.

3. Il-korp u l-persunal tiegħu għandhom jagħmlu t-testijiet ta' verifika bl-ogħla grad ta' integrità professjonali u kompetenza teknika u għandhom ikunu ħielsa minn kull pressjoni u persważjoni, partikolarment finanzjarji, li jistgħu jinfluwenzaw il-ġudizzju tagħhom jew ir-riżultati tal-ispezzjoni, speċjalment minn persuni jew gruppi ta' persuni b'interess fir-riżultat tal-verifiki.

4. Il-korp għandu jkollu għad-dispożizzjoni tiegħu l-persunal meħtieġ u jkollu l-faċilitajiet meħtieġa sabiex ikun jista' jwettaq adegwatament il-kompiti amministrattivi u tekniċi konnessi mal-verifika; għandu jkollu wkoll aċċess għat-tagħmir meħtieġ għal verifika speċjali.

5. Il-persunal responsabbli għall-ispezzjoni għandu jkollu:

(a) taħriġ tekniku u professjonali tajjeb;

(b) konoxxenza sodisfaċenti tal-ħtiġiet tat-testijiet li jagħmel u esperjenza adegwata ta' dawn it-testijiet;

(ċ) il-kapaċità li jfassal ċertifikati, rekords u rapporti meħtieġa sabiex jawtentikaw it-twettiq tat-testijiet.

6. L-imparzjalità tal-persunal li jagħmel l-ispezzjoni għandha tkun garantita. Ir-remunerazzjoni tagħhom m'għandhiex tiddipendi min-numru ta' testijiet li jagħmlu jew mir-riżultati ta' dawn it-testijiet.

7. Il-korp għandu jkopri ruħu b'assigurazzjoni għal responsabbiltà ċivili sakemm ir-responsabbiltà tiegħu ma tiġix assumita mill-Istat, skont il-liġi Maltija,


jew d-Direttorat għall-Affarijiet Regolatorji u d-Direttorat għas-Sorveljanza fuq is-Suq huma stess iwettqu direttament l-ispezzjonijiet.

8. Il-persunal tal-korp għandu josserva s-segretezza professjonali rigward l-informazzjoni kollha li jakkwista waqt il-kompiti tiegħu (ħlief *vis-à-vis* id-Direttorat għall-Affarijiet Regolatorji u l-awtoritajiet amministrattivi kompetenti oħra tal-Istat fejn isiru l-attivitajiet tagħhom) taħt dawn ir-regolamenti jew taħt kull disposizzjoni tal-liġi nazzjonali li tagħtiha effett.

IR-RABA' SKEDA

IL-MARKA TA' KONFORMITÀ
(Bbażat fuq l-Anness IV tad-Direttiva 2007/23/KE)

Il-marka ta' konformità CE għandha tikkonsisti mill-inizjali "CE" bil-forma li ġejja:



Jekk il-marka tiġi mċekkna jew imkabbra, il-proporzjonijiet mogħtija fid-disinn gradwat hawn fuq għandhom ikunu rispettati.
